# Il-kobor tal-isfreġju ambjentali mill-insib mhux magħruf u f'ċerti każi jidher li qed isir bil-barka tal-awtoritajiet

## BirdLife Malta ma tingħatax aċċess għal informazzjoni dwar aktar minn 8,000 sit fejn jiġi awtorizzat l-insib kull sena

Il-firxa ta' mnasab li kkaratterizzat l-istaġuni tal-insib tul l-aħħar snin irriżultat fi stupru ambjentali ta' ħabitat verġni li lanqas nafu kemm hu kbir, bi ftit li xejn infurzar. Il-konferma ta' dan issegwi diversi rapporti li ressqet BirdLife Malta matul l-aħħar staġuni tal-insib biex tittieħed azzjoni fuq imnasab mhux reġistrati, u li dwarhom s'issa għadha ma ttieħdet l-ebda azzjoni.

Skont il-liġi li ilha fis-seħħ mill-2014 – meta nħolqot id-deroga għall-insib tal-għasafar tal-għana mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (Wild Birds Regulation Unit, WBRU) – in-nassaba setgħu jirreġistraw sa żewġt imnasab għal kull liċenzja tal-insib fejn kien permess li jittellgħu mnasab. Ir-Regolamenti dwar Qafas biex tiġi permessa deroga li tiftaħ l-istaġun għall-insib tal-għasafar tal-għana u għall-insib tal-Malvizz u l-Pluviera, jippermetti biss li l-imnasab jerġgħu jiġu attivati jekk ikunu eżistew qabel l-2012 (kif jidher mir-ritratti mill-ajru), u jekk ma jkunux fuq ħabitati protetti f'siti Natura 2000. Il-proċess ta' skrutinju li sar biss minn uffiċjali tad-WBRU qabel kull wieħed minn dawn l-istaġuni tal-insib minn dakinhar 'l hawn wassal biex ġew awtorizzati sa 8,000 mansab għal kull staġun – jiġifieri medda art ikbar mid-daqs tal-Belt Valletta.

Minkejja l-fatt li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) hija l-awtorità kompetenti fejn għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-art, id-WBRU kienet l-entità inkarigata li tawtorizza dan l-użu tal-art, bl-ERA tagħti biss il-kunsens tagħha waqt laqgħat tal-Kumitat Ornis, bil-kundizzjoni li jsir infurzar mid-WBRU u l-pulizija. Tul il-laqgħa tal-Kumitat Ornis tal-10 ta' Mejju 2017, l-ERA vvutat favur il-ftuħ ta' staġun tal-insib għall-għasafar tal-għana bil-kundizzjoni li "l-infurzar u l-konformità jkunu garantiti u implimentati mid-WBRU u l-pulizija". Madanakollu, minkejja diversi talbiet li saru tul is-snin lill-awtoritajiet kollha involuti biex jagħmlu pubblika l-lista ta' aktar minn 8,000 mansab fejn id-WBRU awtorizzat li jsir l-insib, il-Ministeru responsabbli mill-Ambjent irrifjuta li jiżvela din l-informazzjoni bl-iskuża li hemm kwistjoni ta' privatezza, waqt li l-entitajiet l-oħra kollha li b'xi mod għandhom x'jaqsmu mal-infurzar – fi kliem ieħor l-ERA u l-pulizija – jgħaddu t-talbiet lura lid-WBRU.

Skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus li Malta hi firmatarja tagħha, kull informazzjoni ambjentali għandha tiġi ppubblikata jekk issir talba għaliha. Minkejja f'dan, id-WBRU insistiet li din l-informazzjoni tinkludi dettalji privati li ma jistgħux jiġu żvelati.



Minkejja li kien iċċarat li t-talba tikkonċerna informazzjoni ambjentali marbuta mal-użu tal-art u mhux *data* personali u anke li l-ERA u l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) stess jippubblikaw informazzjoni dwar konċessjonijiet marbutin mal-użu tal-art (bħal meta titressaq applikazzjoni għal żvilupp), id-WBRU fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima baqgħet tirrifjuta t-talba biex din l-informazzjoni tiġi mgħoddija lil BirdLife Malta u daħħlet lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data biex jinvestiga l-każ. Fl-2016 il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data appoġġja l-pożizzjoni tad-WBRU u BirdLife Malta kkontestat din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data li bħalissa qed jisma' dan l-appell.

Dan isegwi diversi rapporti li BirdLife Malta għamlet lid-WBRU tul l-2016 dwar numru ta' mnasab li jinsabu f'zoni kostali u f'siti Natura 2000 – siti li kien jidher li jinsabu fuq ħabitat protett skedat mill-ERA. Fit-tweġiba tagħha d-WBRU kienet fil-fatt ikkonfermat li aktar minn 40% tas-siti li ġew irrappurtati ma kinux reġistrati u l-każ kellu jiġi mgħoddi biex tittieħed azzjoni ta' infurzar. S'issa, però, għadna ma rċivejna l-ebda risposta mill-ERA dwar jekk itteħditx din l-azzjoni minn meta rrapputajna f'Diċembru 2016 u l-impatt ambjentali fuq dawn is-siti jibqa' mhux magħruf.

"Hawnhekk għandna każ ieħor ċar fejn id-deroga tal-insib falliet b'mod qawwi. L-insib għall-għasafar tal-għana reġa' beda jiġi permess fl-2014 dan ippermetta li numru kbir ta' mnasab jerġgħu jiġu attivati u mnaddfa bl-awtoritajiet ma jkollhomx il-ħila li jiżguraw xi tip ta' infurzar serju. Waqt li d-WBRU tawtorizza s-siti, apparentement hu f'idejn l-ERA li tieħu passi jekk dawn ma jkunux skont ir-regolamenti. Finalment, l-ebda awtorità ma ħadet ir-responsabilità u ma ttieħdet l-ebda azzjoni, bir-riżultat li kull darba li jinfetaħ l-istaġun tal-insib naraw ammont kbir ta' siti tul il-kosta jintużaw legalment jew illegalment bħala mnasab," ikkummenta Nicholas Barbara, Conservation Manager ta' BirdLife Malta.

Is-sitwazzjoni hi agħar meta mqabbel mal-kaċċa fejn membri tal-pubbliku jista' jkun li jkunu kapaċi jiddistingwu meta tinqatel speċi protetta u jirrappurtaw lill-pulizija. Min-naħa l-oħra, fil-każ tas-siti tal-insib, dawn it-tip ta' distinzjonijiet ma jistgħux isiru. Hu u jimxi fil-kampanja wieħed jista' jiltaqa' ma' mijiet ta' mnasab u passaġġi magħluqin għall-pubbliku, imma ma teżisti l-ebda informazzjoni dwar jekk dawn is-siti hux qed joperaw legalment jew le. Fid-dawl ta' dan, anke jekk isir rapport dwar xi sit partikolari, il-possibilità hi li sentejn wara dan xorta jkun għadu attiv.

F'kummenti dwar l-istat attwali b'rabta mal-istaġuni tal-insib, il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "informazzjoni dwar fejn awtorità pubblika tawtorizza li jsir użu minn art pubblika jew privata għall-insib għandha tkun fid-dominju pubbliku. Meta tirrifjuta li tagħti lill-pubbliku din it-tip ta' informazzjoni tkun daqslikieku qed tikkontribwixxi għall-impatt diżastruż li qed iħallu l-imnasab illegali fuq il-kampanja tagħna," insista Mark Sultana.

Il-verdett fil-każ tal-appell imressaq minn BirdLife Malta quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data hu mistenni f'April 2018.

**TMIEM**



**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Nota lill-edituri:**
L-istaġuni tal-insib għall-għasafar tal-għana f'Malta jinfetħu bis-saħħa ta' derogi li jiġu applikati mid-WBRU. Din il-prattika bħalissa qed tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja bil-verdett f'din il-kawża li nfetħet mill-Kummissjoni Ewropea kontra Malta issa huwa imminenti. BirdLife Malta għadha kif nediet il-kampanja #STOPTRAPPINGNOW, kampanja pubblika intiża li tqajjem aktar kuxjenza dwar l-impatti negattivi tal-insib fuq l-għasafar u fuq elementi oħra tan-natura, fuq il-ħabitats tagħhom u fuq l-ambjent Malti inġenerali.

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħ):**
- Kulma għandek bżonn tkun taf fuq l-insib f'Malta
- Il-kampanja #STOPTRAPPINGNOW imnedija minn BirdLife Malta
- Il-kawża C-557/15 quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ)
- L-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali tal-ECJ fil-kawża kontra Malta

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/P68gwjYYaW**
1. Ritratti mill-ajru ta' mnasab f'Ta' Ċenċ, Għawdex - sit Natura 2000 (Novembru 2017). F'Diċembru 2016, BirdLife Malta rrappurtat dawn l-imnasab fis-sit Natura 2000 lid-WBRU li kkonfermat li ammont sostanzjali minnhom ma kinux irreġistrati u kienu qed joperaw illegalment. Minkejja f'dan, tul l-istaġun tal-insib tal-2017 dawn l-imnasab li qed jagħmlu ħsara lil ħabitats li hemm f'dan is-sit Natura 2000 kienu għadhom qed jitħaddmu b'mod attiv biex jinqabdu l-għasafar, u ma jidher li ttieħdet l-ebda azzjoni mid-WBRU, il-Pulizija jew l-ERA. ***Ritratt ta' BirdLife Malta***
2. Ritratt li juri l-ħsara li jagħmel l-insib lill-ħabitat. ***Ritratt ta' BirdLife Malta***
3. Għasfur tal-għana f'gaġġa qed jintuża biex jattira għasafar oħra lejn mansab fis-sit Natura 2000 f'Ta' Ċenċ. ***Ritratt ta' BirdLife Malta***
4. Logo tal-kampanja #STOPTRAPPINGNOW

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/OWzT7ID5Ci**
1. Filmati tal-insib. ***Filmat ta' BirdLife Malta***

